A.L. 188 ta' l-2003

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Investiment Kollettiv (*Income* minn Investiment)

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikoli 41B u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Investiment Kollettiv (*Income* minn Investiment), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Skemi ta' Investiment Kollettiv (*Income* minn Investiment), hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L.55 ta' l- 2001.

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (a) tas-subregolament (3) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "il-*financial intermediary* awtorizzat għandu" għandhom jidħlu il-kliem "il-*financial intermediary* awtorizzat għandu, kemm-il darba ma ssirx l-għażla skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 35 ta' l-Att,".

Żieda tar-regolament 15 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:

Kif jigu ntaxxati qlib ta' titoli.

"**15.** (1) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament:

"qlib ta' titoli" jew "qlib" tfisser transazzjoni li biha titoli f'*sub-fund* 'ta' skema ta' investiment kollettiv jiġu maqluba, jew trasferiti, jew investiti mill-ġdid, jew skamjati jew b'xi mod ieħor trasformati f'titoli f'*sub-fund'* ieħor ta' l-istess skema ta' investiment kollettiv kemm il-darba d-detentur tat-titoli hawn l-aħħar imsemmija jkun l-istess persuna bħalma jkun id-detentur tat-titoli hawn l-ewwel imsemmija u li s-sehem miksub fis-*sub-fund* hawn l-aħħar imsemmi jkun isegwi minnufih is-sehem fis-*sub-fund* hawn l-ewwel imsemmi;

"qlib ta' titoli preskritt" tfisser il-qlib ta' titoli minn fond preskritt;

"sensiela ta' qlib ta' titoli konsekuttivi" tfisser serje ta' qlib ta' titoli konsekuttivi (li għall-finijiet ta' dan ir-regolament tista' tkun magħmula minn qlib wieħed ta' titoli) li tibda bi qlib ta' titoli, li minnufih qablu ma kien hemm ebda qlib, u li tispiċċa bi qlib ta' titoli li warajha kien hemm trasferiment ta' titoli li ma kienx qlib;

"*sub-fund*" tinkludi klassi, parti jew sezzjoni oħra simili ta' l-istess skema ta' investiment kollettiv;

"titoli finali" tfisser dawk it-titoli *f'sub-fund* li ġew l-aħħar akkwistati f'sensiela ta' qlib ta' titoli konsekuttivi;

"titoli tal-bidu" tfisser dawk it-titoli f'*sub-fund'*li l-qlib tagħhom ikun jikkostitwixxi l-ewwel qlib ta' titoli f'sensiela ta' qlib ta' titoli konsekuttivi.

(2) Il-qlib ta' titoli jikkostitwixxi trasferiment ta' titoli għall-finijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att:

Iżda meta jkun hemm qlib ta' titoli ma għandu jsir ebda telf jew qligħ.

(3) (a) Qligħ kapitali li jinqala' mat-trasferiment ta' titoli finali għandu jinħadem billi jiġi aggregat dak il-qligħ kapitali li kien jiġi soġġett għat-taxxa u dak it-telf kapitali li kien jitnaqqas hekk kif kienu jirriżultaw matul il-sensiela ta' qlib ta' titoli konsekuttivi u mat-trasferiment tat-titoli finali li kieku ma sarux id-disposizzjonijiet tal-*proviso* għas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament:

Iżda fil-każ ta' trasferiment ta' titoli finali f'fond mhux preskritt u fejn is-sensiela ta' qlib ta' titoli konsekuttivi relevanti ma' tinkludix il-qliba ta' titolu preskritt, dak il-qligħ kapitali jista' jiġi kkalkolat billi jitnaqqas mir-rikavat tat-tneħħija tat-titoli finali relevanti, il-kost ta' l-akkwist tat-titoli finali relevanti.

(b) Fil-kalkolazzjoni tal-qligħ kapitali kif provdut f'paragrafu (a) ta' dan is-subregolament -

(i) il-kambju ta' muniti barranin, fejn ikun meħtieġ, għandu jsir bir-rati ta' kambju li jintużaw fl-akkwist jew fit-trasferiment tat-titoli relevanti għall-kalkolazzjoni tal-qligħ kapitali. Fejn ma jkunx hemm prova dwar ir-rati ta' kambju li jintużaw fl-akkwist jew fit-trasferiment tat-titoli relevanti, dak

il-kambju jsir billi tintuża r-rata tal-kambju (*middle rate* tal-Bank Ċentrali) li tkun tapplika fi tmiem is-sena kalendarja li fiha jkun sar l-akkwist jew it-trasferiment, skond il-każ:

iżda jekk l-akkwist u t-trasferiment isiru fl-istess sena kalendarja, għandha tintuża r-rata tal-kambju li tkun ir-rata (*middle rate* tal-Bank Ċentrali) fis-seħħ fid-data ta' l-akkwist u r-rata tal-kambju (*middle rate* tal-Bank Ċentrali) li tkun fis-seħħ fid-data tat-trasferiment;

(ii) meta wara li jiġi aggregat il-qligħ kapitali u t-telf kapitali kief provdut f'paragrafu (a) ta' dan is-subregolament u dan ikun jinvolvi muniti differenti, kull qligħ u telf bħal dawk jista' jinqaleb f'liri Maltin bir-rati ta' kambju (*middle rate* tal-Bank Ċentrali) li jkunu fis-seħħ fid-dati tal-qlib ta' titoli relevanti jew tat-tneħħija tat-titoli finali;

(iii) il-kost ta' l-akkwist għandu jiġi kkalkolat bl-istess mod kif provdut f'regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti, jew b'kull mod ieħor li jista' jiġi approvat mill-Kummissarju.".